TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 976

KAZ NRU. 1238

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Claire Bowman

u

JM Supplies Company Limited

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 26 ta' Ottubru 1998

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg-Cardona

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 21 ta' April 1998 b'referenza MHS/TI/37/98 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm hames seduti.

Claire Bowman, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukat Emily Camilleri u JM Supplies Limited, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Jesmond u Glorianne Micallef assistiti mill-Avukat Kathleen Mizzi.

L-appellant isostni li giet imkeccija mix-xoghol b'mod ingust waqt li l-Kumpanija tikkontendi li ma keccietx lill-appellant izda din telqet minn jeddha.

Waqt is-smigh tal-kaz gie stabbilit li l-appellant kellha tkun intitolata ghal kummissjoni fuq bejh jekk jintlahqu certi "targets" specifikati fil-kuntratti ta' l-impieg u li dawn it-"targets" qatt ma ntlahqu.

L-appellant tikkontendi li meta is-Sur Jesmond Micallef, li dak iz-zmien kien il-Managing Director, ipproponielha tibdil fis-sistema tal-kummissjoni, qabel ma accettat kienet staqsietu x'jigri jekk it-"targets" ma jintlahqux. Hu kien wegibha "Jiena mhux dejjem hsibt fik".

Is-Sur Micallef jaccetta li kien qallha dan id-diskors u jsostni li fil-fatt zamm kelmtu ghaliex kien ta lill-appellant bonus aktar minn darba apparti dak dovut skond il-ligi.

F'Jannar 1998 l-appellant kienet ippretendiet u talbet li tinghata xi kumpens ghalkemm it-"targets" ghas-sena 1997 ma kienux intlahqu. Il-Kumpanija nfurmatha li ma kien dovut ebda kumpens skond il-kuntratt u dan gab nuqqas ta' qbil bejn l-appellant u Jesmond Micallef u sussegwentement ma Glorianne Micallef, dak iz-zmien Direttur tal-Kumpanija. Din kienet ic-cirkostanza li wasslet ghat-terminazzjoni ta' l-impieg.

It-Tribunal ghalhekk kellu jiddetermina jekk dak li gara fit-8 ta' Jannar 1998 kienx jikkostitwixxi tluq minn jeddha ta' l-appellant inkella tkeccija ngusta mill-Kumpanija.

Ix-xhieda li tressqu miz-zewg nahat ma ghenu xejn biex it-Tribunal jistabbilixxi x'gara sew dak in-nhar. Dawn jew ma semghux, jew ma ftakrux inkella kien hemm element ta' kontradizzjoni jew dubju fix-xhieda taghhom.

It-Tribunal ghalhekk kellu jistrieh fuq ix-xhieda ta' l-appellant u ta' missierha, Joseph Bowman, u dik ta' Jesmond u Glorianne Micallef, Propjetarji u Diretturi tal-Kumpanija, lkoll kemm huma partijiet interessati. Kellu fl-isfond ta' l-istil ta' tmexxija u ta' relazzjonijiet bejn diretturi u mpjegati jizen dawk il-fatturi li setghu jghinuh biex jasal ghal bilanc ta' probabbilta' x'gara dak in-nhar tat-terminazzjoni ta' l-impieg.

It-Tribunal ikkunsidra li :

- Jesmond Micallef kien jaddotta stil ta' tmexxija miftuha u liberali u kien generus ma' l-impjegati. Ma kienx jinsisti li jkun hemm dik is-suggizzjoni li normalment ikun hemm bejn Direttur u mpjegati u dawn kienu jkelmuh b'certa kunfidenza.

- Meta nqalet il-kwistjini dwar kumpens Glorianne Micallef kienet bdiet tiehu parti attiva fit-tmexxija tal-Kumpanija u deherilha li l-appellant meta argumentat ma Jesmond Micallef ma kienetx uriet ir-rispett dovut minn mpjegata lejn Principal.

- Dawn il-fatturi probabbilment ikkundizzjonaw dak li gara fit-8 ta' Jannar.

- Il-Kumpanija fid-dikjarazzjoni tal-kaz issottomettiet li Joseph Bowman kien cempel lil Jesmond Micallef u "----- qallu jekk setghax jibghat lil bintu tiffirma l-formola ta' l-

E.T.C." Dan biex turi li l-appellant telqet minn jeddha. Izda Joseph Bowman xehed li qal lil Jesmond Micallef "Ejja ha npoggu bil-qieghda, ejja naraw, ejja nitkellmu, u jiena nkellem lil Claire forsi nsibu soluzzjoni, pero' at no time mghidtlu li Claire se tigi hemm u taccetta illi hi telqet minn rajha u mhux li giet mkeccija."

- Huwa fatt li fis-7 ta' Jannar 1998 l-appellant talbet lil Glorianne Micallef kumpens li ghalkemm ma kelliex dritt ghalih ikkontendiet li Jesmond Micallef kien qallha li jahseb fiha jekk ma jintlahqux it-"targets" tal-bejh. Meta l-kwistjoni giet riferita lil Jesmond Micallef dan qal li ma kienetx dovuta kummisjoni skond il-kuntratt u qam argument bejnu u l-appellant li jidher li gholliet lehenha. Ir-rizultat skond ix-xhieda ta' Jesmond Micallef kien li harget 'il barra mill-ufficju bl-attitudni "Allura mhemmx x'taghmel. Qisni m'ghidlek xejn. Ma jimpurtax."

- L-appellant fil-kontro ezami xehedet li meta dahlet ghax-xoghol l-ghada tad-diskussjoni fuq il-kummissjoni "---- f'mohhi kelli illi jiena se ninsa dak kollu li gara l-gurnata ta' qabel warajja u se nkompli b'xogholi kif dejjem ghamilt ------" izda kif dahlet ghajtitilha Glorianne Micallef fil-kamra taghha fejn intqal id-diskors li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg.

- Hemm versjonijiet konflingenti ta' l-appellant u ta' Glorianne Micallef x'intqal ezatt. Wahda mill-affarjiet li ssemmew kienet l-E.T.C. form. Glorianne Micallef xehedet li meta qalet lill-appellant li ma kienetx tittollera certa

mgieba qalet ukoll "Claire, do you mind if you leave kieku?" L-appellant talbet biex iccempel lill-missiera u meta qaltilha li minn hemm ma tistghax wiegbet "Mela se nitlaq". Glorianne Micallef qaltilha "Ghandek l-E.T.C. form, iffirmahieli u itlaq kemm trid". Mistoqsiha jekk l-E.T.C. form kienetx diga mimlija irrispondiet li le imma kellha blank forms fil-file. Minn naha l-ohra l-appellant fil-kontro ezami xehedet li Glorianne Micallef qaltilha "Ghandek din" u harget l-E.T.C. form bid-dettalji kollha mimlijin u kien jonqos biss il-firma taghha. Jekk wiehed jaccetta l-ewwel versjoni allura Glorianne Micallef ippretendiet li l-appellant tiffirmalha blank form u jekk it-tieni allura kien hemm il-hsieb minn qabel li jigi terminat l-impieg.

Wara li qies dan kollu it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li minhabba talba ghal kumpens li ma kienx dovut bi ftehim kontrattwali (ghalkemm kien hemm xi promessa verbali) inqala nkwiet bejn l-appellant u d-Direttur tal-Kumpanija. Dan wassal biex intqal diskors fis-sahna tal-mument u biex ittiehdu decizjonijiet bil-ghagla mill-partijiet koncernati.

Il-Kumpanija ma gabitx provi li jikkonvincu t-Tribunal li l-appellant telqet minn jeddha. Izda l-anqas mhu sodisfatt li l-agir ta' l-appellant kien ghal kollox dak xieraq minn impjegat lejn principal. Ihoss li l-appellant bl-attitudni taghha ikkagunat reazzjoni mghaggla mid-Direttur tal-Kumpanija li wasslet ghat-terminazzjoni ta' l-impieg.

It-Tribunal ghal darba ohra jaghmel enfasi li terminazzjoni ta' impieg ghandha ssir biss ghal ragunijiet mill-aktar serji

u li jistghu jigu gustifikati. Irid ikun sodisfatt li kien hemm ragunijiet tajba u sufficjenti ghal terminazzjoni. Jitfa hafna pis fuq kif ikun agixxa minn jimpjega u jekk dan ghamilx dawk il-proceduri kollha mehtiega biex jiggustifika terminazzjoni ta' mpieg.

Fuq il-bilanc ta' probabbilta it-Tribunal ma jsibx li l-appellant telqet minn jeddha u jiddeciedi li t-tkeccija ta' l-appellant ma tissodisfax dak li titlob il-ligi bhala raguni tajba u sufficjenti. Ghalhekk jordna li l-Kumpanija thallas kumpens ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm 250) lill-appellant. Dan il-hlas ghandu jsir mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 1998.

Ghall-finijiet ta l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

George Borg-Cardona

CHAIRMAN

George Attard

SEGRETARJU